**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 497/15 AL

Ab
vs
Cb

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fid-29 ta' Marzu 1990 (Dok. A);
2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fil-21 ta' Lulju 2006, fl-atti tan-Nutar Dr Gertrude Farrugia Wismayer (Dok B);
3. Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom aktar minn disgha snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar il-manteniment;
5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Marzu 1990;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2015;

Rat illi l-intimata ma topponix it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur u tixtieq izomm il-kunjom taghha ta' mizzewga u cioe' Delia;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet isseparaw legalment fil-21 ta' Lulju 2006 u ilhom aktar minn disa' snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.